

It-Tlieta, 11 ta' Marzu 2008

- A. Billi l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 1 għall-baġit ġenerali 2008 jkopri l-punti li ġejjin:
- il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE għal ammont ta' EUR 162 387 985 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas relatati ma' danni kbar minħabba l-maltemp fir-Renju Unit f'Ġunju u f'Lulju 2007,
 - il-ħolqien ta' l-istruttura baġitarja meħtieġa sabiex tiġi akkomodata l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA),
 - il-modifika tal-pjan ta' organizzazzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (FRONTEX),
 - il-ħolqien tal-punt tal-baġit 06 01 04 12 Programm Galileo — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva, kif stipulat fil-proposta riveduta tal-Kummissjoni COM(2007)0535,
 - il-ħolqien ta' l-Artikolu tal-baġit 27 01 11 Nefqa eċċezzjonali għall-kriżijiet, sabiex ikun jista' jiġi ffinanzjat infiq eċċezzjonali relatat ma' kriżi ddikjarata. Fil-linja għandu jiddaħħal "p.m",
- B. Billi l-iskop ta' l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 1/2008 huwa li dawn l-aġġustamenti baġitarji jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit ta' l-2008;
1. jinnota l-Abbozz Preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 1/2008;
 2. ifakkar fl-emenda tiegħu għall-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 1/2008 bl-iskop li tinholq linja għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva li terġa' tistabilixxi l-ammont oriġinali tal-linja operazzjonali għal Galileo;
 3. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Ftehma tas-Shubija KE/Ginea-Bissaw dwar is-sajd *

P6_TA(2008)0085

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehma tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw (COM(2007)0580 — C6-0391/2007 — 2007/0209(CNS))

(2009/C 66 E/29)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2007)0580),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 300(2), tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkon-sultat mill-Kunsill (C6-0391/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 83(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp kif ukoll tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0053/2008),
1. japprova l-proposta għal Regolament tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-ftehma;
 2. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw.

It-Tlieta, 11 ta' Marzu 2008

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 2 a (ġdida)

2a. Huwa importanti li jiġi mtejjeb it-tagħrif ipprovdut lill-Parlament Ewropew. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-kumitat konġunt imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

Emenda 2

Artikolu 3, paragrafu 1 a (ġdid)

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom joperaw fil-qafas tal-protokoll kinux konformi mar-rekwiżiti dwar l-irrapportar. Jakk ma kinux konformi, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta t-talbiet tagħhom għal liċenzji tas-sajd għas-sena ta' wara.

Emenda 3

Artikolu 3 a (ġdid)

Artikolu 3a

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport dwar ir-riżultati tal-programm plurijennali msemmi fl-Artikolu 8 tal-protokoll, kif ukoll dwar il-konformità ta' l-Istati Membri mar-rekwiżiti ta' rappurtar.

Emenda 4

Artikolu 3 b (ġdid)

Artikolu 3b

Matul l-aħħar sena ta' validità tal-protokoll u qabel ma tiġi ffirmata ftehim ġdida biex il-protokoll jiġi mġedded, il-Kummissjoni għandha tippreżernta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim u l-kundizzjonijiet li fihom din tkun ġiet implimentata.

Emenda 5

Artikolu 3 c (ġdid)

Artikolu 3c

Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 3b, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu jagħti, jekk ikun il-każ, mandat ta' negozjar lill-Kummissjoni bil-għan li jiġi adottat protokoll ġdid.

Emenda 6

Artikolu 3 d (ġdid)

Artikolu 3d (ġdid)

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Parlament Ewropew il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-kumitat konġunt imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.